

# Programm tal-Festi organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-Festa ad Unur ta'

# Marija Bambina

## Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa

Mit-23 ta' Awwissu sad-9 ta' Settembru 2013

### Il-Ġimgħa – 23 t'Awwissu

**8.00p.m.** *Barbeque* fil-Pjazza tal-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor. Mistieden speċjali Joe Demicoli.

### Is-Sibt – 24 t'Awwissu

**4.00p.m.** *Treasure Hunt* organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial.

### It-Tnejn – 26 t'Awwissu

**6.00p.m.** Is-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Imperial ser torganizza *Tournament* tal-*Billard*.

### L-Erbgħa – 28 t'Awwissu

**6.30p.m.** Tombla Speċjali organizzata mill-Kumitat Nisa tal-Għaqda Mużikali Imperial.

**8.30p.m.** Wara li tispiċċa t-tombla, ser tiġi organizzata *Pasta Night* ġewwa l-Każin. Waqt l-ikel ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

### Il-Ħamis – 29 t'Awwissu

**8.00p.m.** Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### Il-Ġimgħa – 30 t'Awwissu

**6.30p.m.** Is-Soċjetà flimkien mal-Banda u l-Kor jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi".

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Bambina.

### It-Tnejn – 2 ta' Settembru

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-Sala tal-Każin.

## It-Tlieta – 3 ta' Settembru

**8.00p.m.** Riċeviment fil-Każin għall-membri tal-Kumitati, bandisti, membri tal-Kor flimkien mal-familjari tagħhom.

## L-Erbgħa – 4 ta' Settembru

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien,Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il-Ħamis – 5 ta' Settembru

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda San Ġorġ ta' Bormla minn Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mithna l-Ġdida, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq San Gużepp, Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## Il-Ġimgħa – 6 ta' Settembru

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq il-Muna, Triq Santa Marija, Triq Frangisk Zahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**11.00p.m.** Tlugħ tal-Istatwa ta' Malta fuq il-Pedestall waqt id-daqq tal-Innu Nazzjonali. Wara jitkompla l-marċ sa quddiem il-Knisja.

## Is-Sibt – 7 ta' Settembru

**7.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq is-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**10.45p.m.** Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-Programm jingħalaq bid-daqq tal-Innu Marċ Popolari 'Tal-Iljun' flimkien mal-Innu tal-Banda.

## Il-Ħadd – 8 ta' Settembru

**6.00p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-Każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

## It-Tnejn – 9 ta' Settembru

**5.00p.m.** Ser tiġi organizzata ħarġa tal-għada tal-festa fuq il-*Hop On Hop Off* mill-Kumitat Nisa. Ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ bħas-sena li għaddiet.

# VIVA MARIJA BAMBINA!

# Trasmissjoni *Live*

## tal-Festa ta' Marija Bambina 2013

Bejn l-23 t'Awwissu u t-8 ta' Settembru, 2013 ser inxandru *live* l-attivitajiet tal-Għaqda Mużikali Imperial u l-funzjonijiet reliġjużi fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Bambina 2013 fuq is-sit elettroniku

**www.imperialbandclub.com**

*Inħeġġukom li tinfurmaw lil qrabatkom emigranti biex flimkien magħna jgawdu l-Festa ta' Marija Bambina.*